# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Nicholas Bartolo**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Nicholas Bartolo**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 99071M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli fix-xahar t'Awissu 2013 f'ħinijiet differenti ġewwa Triq Dun Lauret Cutajar Ħaż-Żebbuġ : -

(a) Rema' jew iddepożita f'gozz xi żibel jew fdalijiet jew ħalla li jinżamm fil-lok imsemmi jew ħalla materjal kimiku maħruġ minn spray painting bl-istess kimika tkun a detrminet tas-saħħa ta' Joseph Vella u Maria Louisa Vella;

(b) U aktar talli dejjaq lil ġar tiegħu Joseph Vella u Maria Louisa Vella.

Rat id-dokumenti eżebiti, inkluż ir-relazzjonijiet tal-espert tekniku Professur Joseph Agius;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat:-</u>***

Illi jirriżulta pruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-imputat jiġġestixxi attivita kummerċjali u cioe' garaxx li minnu jagħmel xogħol inter alia ta' *spray painting*. Dal-garage jinsab qrib tad-dar fejn jgħixu l-parte civile Bartolo. Dawn għamlu diversi lmenti minħabba storbju u rwejjaħ ta' kimika fost l-oħrajn ġejjin direttament mill-operat tal-imsemmi negozju.

Illi matul il-kors tal-proċeduri, minbarra l-parte civile esprima n-natura tal-ilmenti lamentati minnhom u li kienu qed ikunu tant qawwija li jiddisturbawhom u jdejquhom serjament ġie wkoll imqabbad il-Professur Joseph Agius sabiex jagħmel analiżi teknika tal-ħsejjes u rwejjaħ u dħaħen li kienu qegħdin jiġu ġenerati mill-apparat installat fil-fond ġestit mill-imputat.

Mir-relazzjoni inizzjali ta' dan l-espert li kienet ġiet eżibita fl-atti rriżulta ċar li anke minn din l-analiżi xjentifika kondotta minnu skont kriterja u standards internazzjonali kif spjegati fl-istess relazzjoni tiegħu, il-Professur Agius kien sab li verament kien

hemm l-inkonvenjenti lamentati u għadda sabiex għamel diversi suġġerimenti tekniċi kif l-istess inkonvenjenti setgħu jiġu mitigati.

Dawn il-konklużjonijiet peritali jsaħħu bil-ferm l-ilmenti imresqa mill-parte civile li wasslu għal dawn il-proċeduri. Ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kien fil-fatt jiġġestixxi l-attivita kummercjali hawn fuq imsemmija u li kien responsabbli mit-tħaddim tal-apparat de quo li kien qiegħed jikkawża dawn l-inkonvenjenti lamentati li, jum wara l-ieħor kienu qegħdin jissarfu f'inkonvenjent serju lill-parte civile u l-familja tagħhom.

***Ikkunsidrat : -***

Illi jrid jingħad ukoll li wara diversi estensjonijiet tal-inkarigu mogħtija lill-Professur Agius sabiex jipproponi diversi soluzzjonijiet biex dawn l-inkonvenjenti jiġu, jekk jista jkun eliminati, u wara li l-istess espert esprima diversi rakkomandazzjonijiet u għamel diversi aċċessi fuq il-post, l-imputat wettqet diversi minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, tant li matul is-seduta tal-15 ta' Mejju 2015 il-Professur Agius iddikjara li l-inkonvenjent issa kien ġie solvut kif ukoll kienet dehret il-parte civile li ddikjara li l-ħsejjes kienu naqsu, filwaqt li l-irwejjaħ tal-kimika tal-ispray kienet naqset ukoll għalkemm kienet baqgħet xi

ftit minħabba li fiċ-ċumnija installata mill-imputat kien imqiegħed "chinese hat" li xi drabi kien jitfa' l-isfel.

Il-Professur Agius ikkonferma li l-imputat kien wettaq is-suġġerimenti li kien ippropona huwa fir-relazzjonijiet tiegħu u saħaq li l-imputat għandu issa jżomm ma' dawn is-suġġerimenti kif ukoll li jagħmel manutenzjoni kostanti tal-apparat li għandu u li ma jbiddilx is-sitwazzjoni minn dik li issa tirriżulta fuq il-post, kif ukoll li jrid jassigura li l-kontenituri tat-thinners ikunu magħluqa kontinwament.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Il-Qorti trid tagħmilha ċara li l-obbligu tal-imputat li ma jiddisturbax lil parte civile jew lill-ġirien huwa obbligu li dejjem irid jiġi osservat u jrid jibqa' jiġi osservat fil-ġejjieni b'mod partikolari wara d-determinazzjoni ta' din il-kawża. Huwa minnu li huwa għandu permessi amministrattivi sabiex jaħdem mill-lok in kwistjoni li jidher li hija soġġetta għall-permess ta' garage industrijali, f'żona li tidher li hi "semi-industrijali".

Daqskemm l-imputata għandu d-dritt li jeżerċita negozju onest, daqstant ieħor il-parte civile għandhom il-jedd li jgħixu f'darhom fil-kwiet u fil-paċi – zona semi-industrijali jew mhix. La l-parte

civile u l-anqas l-imputat ma huma qegħdin jgħixu fuq gżira għalihom waħedhom.

Il-ġurisprudenza tgħallem li mhux kull inkonvenjent iwassal għalbiex kwerelat jinstab kriminalment responsabbli għal xi ħsejjes jew irwejjaħ li jkun għamel jew iġġenera.

Biex dan l-inkonvenjent ikun kriminalment punibbli jrid ikun wieħed pruvat li kien serju f'sens oġġettiv, irid ikun wieħed sostanzjali u mhux raġonevoli.[1] Inoltre, t-test li għandu jagħmel il-ġudikant għandu jkun wieħed oġġettiv[2] għalkemm fil-każ ta' inkonvenjent kaġunat minn ħsejjes jew irwejjaħ il-Qorti trid tevalwa l-provi skont ix-xiehda tal-persuna jew persuni li jkunu disturbati mill-ħsejjes[3] jew irwejjaħ. Huwa mħolli f'idejn il-ġudikant li jevalwa minn każ għal każ u *in concreto* jekk ikunx hemm l-inkonvenjent ravviżat mill-leġislatur li għandu jiġi evitat u normalment ma hemmx ħtieġa li jitqabbad espert tekniku.[4] Biss kien ukoll grazzi għal dawn l-interventi tal-Professur Agius magħquda mal-isforzi eżerċitati mill-imputat li issa jidher li s-sitwazzjoni tjiebet ħafna.

---

[1] Ara "Il-Pulizija vs. Michael Grech", Qorti tal-Appell Kriminali, PV, deċiża nhar is-30 t'April 1998.
[2] Ibid.
[3] Ara "Il-Pulizija vs. Raymond Spiteri", Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar l-20 ta' Novembru 1998.
[4] Ara "Il-Pulizija vs. Fortun Fava", Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar il-5 ta' Frar 1998.

Illi dwar in-natura tal-inkonvenjent u x'tifsira għandha legalment tingħata lil dan it-terminu, din il-Qorti tara li dak mistqarr mill-Imħallef William Harding fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et"[5] huwa importanti għad-determinazzjoni ta' dan il-każ. Dik il-Qorti għalmet illi l-inkonvenjent jissenja l-limiti tal-użu awtorizzat. Dan għandu jiġi interpretat fis-sens ta' kif dejjem ġie interpretat il-każ analogu ta' molestja f'kawżi ċivili fuq l-istess materja. Biss, *criminalibus*, il-limitu stabbilit m'għandux ikun biss dak applikabbli *civiliter* jiġifieri li jiġu eċċeduti l-miżuri ta' rigward lejn il-bwon viċinat li normalment għandhom jiġu rispettati. Fil-kamp penali hemm bżonn li l-fatt ikun jikkostitwixxi "nuisance" jiġifieri "substantial inconvenience and material discomfort".[6] F'dan is-sens għalhekk l-inkonvenjent għandu jkun wieħed "gravi" u "mhux faċilment tollerabbli" ukoll kif deċiż l-appell ċivili fil-kawża fl-ismijiet "Meli vs Calleja" nhar il-5 ta' Frar 1908 ukoll ċitata fl-istess kawża. Inoltre, l-istess inkonvenjent irid ikun wieħed meqjuż bħala "kontinwu u intens". Jekk ma jikkonkorrux dawn l-elementi il-każ ma jkunx jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi penali u dan għaliex altrimenti, din kienet tolqot anke każijiet t'inkonvenjent ħafif, li allura jirrendi l-ħajja soċjali kważi impossibbli. Hawnhekk l-Imħallef Harding ikompli jikkwota lill-Kollega tiegħu Ingliż Pollock fis-sentenza "Bamford vs. Turnley" deċiż fl-1862 fejn ingħad li :

[5] Ara "Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et", Qorti Kriminali (sede t'appell), WH, deċiża nhar is-16 ta' Diċembru 1946.
[6] Hawnhekk l-Imħallef Harding jiċċita sentenza Ingliża "Walter vs Selfe" tal-1851 li hija riportata minn Burrows fil-Ktieb tiegħu "Words and Phrases Judicially Defined" fil-Volum III a pagna 524.

> The compromises that belong to social life, and upon which the peace and comfort of it mainly depend, furnish an indefinite number of examples where some apparent natural right is invaded, or some enjoyment abridged, to provide for the more general convenience or necessities of the whole community.

Il-Qorti tisħaq li issa li l-problemi kaġunati mill-ħsejjes u rwejjaħ jidher li ġew fil-maġġor parti tagħhom solvuti, l-imputat għandu jżomm mar-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula mill-espert Professur Joseph Agius fir-relazzjonijiet tiegħu, inkluż u b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet dwar manutenzjoni kostanti tal-apparat użut minnu.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ għalkemm it-tieni imputazzjoni tirriżulta ampjament, mhux l-istess jista' jingħad għall-ewwel imputazzjoni. Il-fatt li l-imputat kellu materjal kimiku użat fl-ispray painting, il-prova meħtieġa li din il-kimika kienet ta' detriment għas-saħħa tal-kwerelanti hija nieqsa. Huwa minnu li ġiet prodotta d-deposizzjoni tat-Tabib tal-familja tal-parte civile Dr. Peter Micallef, iżda dan ġustament ma setgħax jgħid li l-kondizzjoni tal-qtugħ ta' nifs u sogħola kienet marbuta direttament u bħala konsegwenza

tal-kimika użata mill-imputat. Fil-fatt dat-tabib stqarr li riedet issir investigazzjoni ulterjuri dwar il-kimika in kwistjoni u x'rabta setgħa kellha mal-kondizzjoni lamentata mill-parte civile. Iżda l-ebda riżultanzi investigattivi ta' dan il-ġeneru ma ġew preżentati quddiem din il-Qorti. Ir-reat kontestat fl-ewwel imputazzjoni jrid jiġi pruvat fl-elementi kollha tiegħu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan ma sarx.

# Decide

li filwaqt li għar-raġunijiet aktar il-fuq imsemmija il-Qorti mhix qegħda ssib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena dwarha, kwantu għat-tieni imputazzjoni, dil-Qorti, wara li rat l-Artikoli 10(1), 17, 18(1) tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti numri 13, 53, Taqsima II tal-Ewwel Skeda 63.12B u t-Tieni Skeda tal-Avviż Legali 1 tal-2006 u l-Artikolu 121(2)(i)(ii) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssin lil Nicholas Bartolo ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda ta' ħamsin euro (€50).

Inoltre ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati sabiex jassigura li r-rakkomandazzjonijiet, miżuri u rimedji

preskritti fir-relazzjonijiet tal-Espert Tekniku Joseph Agius kif kontenuti fl-atti ta' dan il-każ ikunu mwettqa definittivament fi żmien tliet xhur millum b'dan li l-istess ħati jibqa' obbligat anke wara d-dekors tal-imsemmija tliet xhur li jżomm mal-istess rakkomandazzjonijiet, miżuri u rimedji preskritti b'mod partikolari dawk ir-rakkomandazzjonijiet relattivi għaż-żamma fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u manutenzjoni tal-apparat kollu msemmi fl-istess relazzjonijiet.

Inoltre, stante li dawn huma proċeduri istitwiti *ex officio* mill-Pulizija, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-Perit Professur Joseph Agius u dan fi żmien tliet xhur millum.

***17.vii.2015***

***Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***